



Kumitat għall-Iżvilupp

2017/2027(INI)

31.5.2017

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar ir-relazzjonijiet politiċi tal-UE mal-Amerika Latina
(2017/2027(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Enrique Guerrero Salom

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li anke wara li r-reġjun esperjenza żvilupp ekonomiku sinifikanti, u dan wassal biex il-livelli ta' faqar u ta' inugwaljanza jaqgħu, l-inugwaljanza tiegħu tibqa' ostaklu sinifikanti għall-iżvilupp tar-reġjun, fejn 175 miljun ruħ qed jgħixu fil-faqar u l-esklużjoni, speċjalment in-nisa u l-minorenni; jenfasizza li t-tkabbir ekonomiku, l-iżvilupp soċjali inklużiv, id-distribuzzjoni ġusta tal-ġid u l-provvista universali ta' servizzi pubbliċi essenzjali huma t-triq biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni;
2. Huwa tal-fehma li l-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) trid tkun l-oġettiv ewlieni tal-kooperazzjoni bejn l-Amerika Latina u l-Karibew (ALK) u l-UE; jistieden lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) jikkooperaw mal-pajjiżi tal-ALK biex ifittxu qbil dwar strateġiji effiċjenti li permezz tagħhom jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli; iħeġġeġ lill-Unjoni tagħti spinta lill-programmi ta' appoġġ baġitarju;
3. Iqis li peress li l-Unjoni hija l-akbar donatur ta' għajnuna lir-reġjun tal-pajjiżi tal-ALK, l-irtirar ta' din l-għajnuna, inkluża l-għajnuna lil pajjiżi bi dħul medju, fejn l-inugwaljanzi jippersistu fost iż-żoni ġeografiċi differenti, bejn iż-żoni urbani u dawk rurali, u li jolqtu lin-nisa u lill-minoranzi b'mod partikolari, ikun pass lura li jxekkel l-iżvilupp futur tar-reġjun; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jieħdu impenn ċar mal-pajjiżi tal-ALK u mal-Amerika Ċentrali b'mod partikolari, filwaqt li jieħdu kont dovut ukoll tas-sħubija UE-AKP fil-ġejjieni, biex ma jħallu lil ħadd lura u jtaffu l-impatt fuq il-pajjiżi li reċentement kisbu l-istatus ta' dħul medju jew qegħdin fi proċess ta' tranżizzjoni f'din id-direzzjoni;
4. Huwa tal-fehma li, fil-kuntest reġjonali u globali attwali, jenħtieġ li l-UE tintensifika r-relazzjonijiet tagħha mal-pajjiżi tal-ALK billi tiffoka fuq kooperazzjoni akbar fl-oqsma kollha bl-għan li tiġi stabbilita relazzjoni bilaterali fl-ogħla livell;
5. Jistieden lill-Kummissjoni tidentifika l-istrumenti disponibbli u tgħammarhom b'riżorsi suffiċjenti, billi tiegħu azzjoni xierqa biex tallinjahom mal-prinċipji tal-effikaċja, l-armonizzazzjoni, ir-responsabbiltà reċiproka, ir-responsabbiltà għall-azzjonijiet, l-allinjament mal-istrateġiji ta' żvilupp tal-pajjiżi tal-ALK u l-kapaċità li l-fondi jintużaw tajjeb, sabiex il-pajjiżi tal-ALK jiġu meġhuna jindirizzaw l-isfidi li jiffaċċjawhom u jħejju ruħhom għall-possibbiltà ta' tnaqqis ta' għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) fil-ġejjieni; jitlob li tali strumenti jinkorporaw it-trasferiment tal-ħiliet u t-taħriġ, u jassistu fir-riformi fil-ġestjoni fiskali u l-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi li jikkontribwixxu biex jagħtu spinta lit-tkabbir u l-forniment ta' servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja;
6. Jappoġġa l-inizjattiva meħuda minn pajjiżi tal-Amerika Latina biex joħolqu qafas ta' ftehim għal ristrutturar tad-dejn sovrani iffaċilitat min-Nazzjonijiet Uniti;
7. Jiddeplora t-tnaqqis fl-għajnuna umanitarja u jirrifjuta l-fatt li dan ikompli jseħħ fiż-żoni li l-aktar għandhom bżonn ta' din l-għajnuna (it-Triangolu tat-Tramuntana tal-Amerika Ċentrali, il-Haiti u l-Kolombja), kif ukoll f'żoni partikolarment milquta mill-impatt tat-tibdil fil-klima u d-diżastri naturali;

8. Jikkundanna l-azzjoni meħuda mill-gvernijiet ta' xi pajjiżi li rrifjutaw li jaċċettaw l-assistenza umanitarja internazzjonali, u b'hekk għamluha impossibbli li l-ħtiġijiet l-aktar bażiċi ta' dawk il-pajjiżi jiġu indirizzati; jistieden lill-VP/RGħ tħeġġeġ lill-awtoritajiet rilevanti biex jippermettu d-dħul ta' din l-assistenza u sabiex tressaq pjan ta' assistenza għal kull pajjiż;
9. Jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jiżdiedu l-isforzi biex jiġu miġġielda l-korruzzjoni, il-frodi tat-taxxa u l-impunità, peress li dawn huma fost l-ostakli ewlenin li qed ixekklu l-iżvilupp, biex jiġu żgurati r-rispett tal-istat tad-dritt, l-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet liberi u trasparenti, is-separazzjoni tas-setgħat u aċċess ugwali għal sistema ġudizzjarja indipendenti, imparzjali u professjonalizzata, biex tiġi appoġġata l-governanza tajba, biex jiġu indirizzati d-dgħufijiet istituzzjonali u biex tissaħħaħ l-amministrazzjoni; jirrikonoxxi l-ħidma mwettqa minn EUROsociAL f'dan il-qasam;
10. Jinnota bi tħassib li l-ħtif tal-art fil-pajjiżi tal-ALK matul l-aħħar għaxar snin huwa marbut maċ-ċirku agrikolu kumpless ikel-għalf-fjuwil kif ukoll strateġiji għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (jiġifieri t-tqegħid ta' foresti fil-programm ta' bilanċjar tal-karbonju bħal fil-każ tal-REDD+); jinnota ugwalment li talbiet dejjem jiżdiedu fil-livell reġjonali u internazzjonali għal minerali u fjuwils fossili wasslu għal konċessjonijiet tat-tħaffir ta' minjieri fuq skala kbira li jista' jkollhom impatt fuq id-drittijiet tal-art tal-komunitajiet; jistieden lill-Istati tal-ALK jirrikonoxxu d-drittijiet leġittimi kollha għall-art, inklużi drittijiet informali, indiġeni u konswetudinarji għaż-żamma tal-art, f'konformità mal-Linji Gwida tal-FAO dwar iż-Żamma ta' Art, u biex jirrispettaw il-prinċipju ta' kunsens liberu u infurmat minn qabel tal-persuni lokali affettwati minn ftehimiet dwar l-art;
11. Jenfasizza li l-pajjiżi tal-ALK għandhom l-ogħla rata ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem maqtula fi kwalunkwe reġjun ieħor fid-dinja; jitlob li l-programmi ta' żvilupp iqisu l-vulnerabilità estrema tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u li dawn il-programmi jagħtu kontribut ambizzjuż għall-protezzjoni tagħhom; jistieden lis-SEAE jagħmel sforz akbar biex jissorvelja l-ġestjoni tal-fondi allokatu għall-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;
12. Jitlob li l-konformità ma' trattati internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, il-parteciġipazzjoni minn diversi gvernijiet f'korpi reġjonali u l-kooperazzjoni mal-Kummissjoni Inter-Amerikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jiġu kkunsidrati fl-iżvilupp ta' relazzjonijiet bilaterali;
13. Iqis li l-aspetti ta' ordni pubbliku, b'mod partikolari dwar is-saħħa, l-educazzjoni u t-taħriġ, kif ukoll l-inizjattivi privati, huma fundamentali peress li jifih opportunitajiet għal kważi 30 miljun żaġħżuġ u żaġħżuġha li la qed jistudjaw, la qed jitħarrġu u lanqas jaħdmu; jenfasizza li programmi ta' żvilupp iridu jindirizzaw livelli għoljin ta' konflitt, vjolenza, kriminalità organizzata u omiċidji, li jolqtu ż-żgħażaġħ u l-adolesxenti b'mod partikolari u li huma waħda mill-isfidi prinċipali għall-pajjiżi tal-ALK;
14. Jenfasizza l-importanza li jiġu esplorati metodi biex jiżdied l-investiment barrani u l-involviment fis-settur privat, u li jiġu promossi t-tnejn, f'qafas ta' rispett għad-drittijiet tal-bniedem, tal-ambjent u tax-xoġħol, u li fih l-investituri jintrabtu u japplikaw il-prinċipji għall-investiment responsabbli tan-Nazzjonijiet Uniti, filwaqt li tiġi ggarantita ċ-ċertezza legali tal-investimenti u l-prinċipju tar-responsabilità soċjali korporattiva;

15. Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-użu tal-finanzjament imħallat, jistieden lill-Kummissjoni tapplika kriterji infurzabbli dwar il-prinċipji tal-effikaċja tal-iżvilupp għall-programmi ta' finanzjament imħallat, partikolarment f'termini ta' sjieda, allinjament ma' pajjiżi sħab, żvilupp u addizzjonalità finanzjarja, trasparenza u responsabilità għall-azzjoni;
16. Jistieden lill-BEI u istituzzjonijiet finanzjarji għall-iżvilupp oħra tal-Istati Membri jiżguraw b'mod effettiv li l-kumpaniji li jirċievu l-appoġġ tagħhom ma jipparteċipawx f'evazzjoni tat-taxxa permezz taċ-ċentri offshore u r-rifuġji fiskali u biex effettivament jitraċċaw u jimmonitorjaw il-flussi, is-sostenibilità tad-dejn u l-valur miżjud fir-rigward tal-proġetti ta' żvilupp sostenibbli tagħhom;
17. Jenfasizza l-importanza li d-diversi oqsma ta' ordni pubbliku jiġu kkoordinati u li jitħeġġeġ l-involvement tal-atturi politiċi u soċjali kollha, it-trade unions u organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili, kemm fil-livell ċentrali kif ukoll f'dak lokali, fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli; iqis li beni pubbliċi, li huma essenzjali għall-iżvilupp, jenħtieġ li dejjem jingħataw lil kulħadd mis-settur pubbliku u li jenħtieġ li r-rimedju kontra l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem jingħata wkoll lil kulħadd, inkluż meta tali abbużi jsiru minn korporazzjonijiet;
18. Jenfasizza li t-tkabbir ekonomiku u l-kummerċ huma elementi ewlenin fil-kisba tal-iżvilupp sostenibbli, iżda mhumiex biżżejjed biex inaqqsu l-faqar, l-inugwaljanza u l-esklużjoni; jitlob politiki effettivi li jikkontribwixxu għat-tnaqqis ta' dawn il-kwistjonijiet permezz ta' tkabbir diversifikat, sostenibbli u inklużiv, b'enfasi qawwija fuq kwistjonijiet soċjali, appoġġ istituzzjonali u rispett tad-drittijiet tal-bniedem;
19. Jenfasizza li l-pajjiżi tal-ALK għadhom qed jiffaċċjaw sfidi serji relatati mad-dejn sovrani; jitlob approċċ fil-konfront tas-sostenibilità tad-dejn ibbażat fuq il-ħtiġijiet tal-bniedem permezz tal-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-UNCTAD; jilqa', f'dan ir-rigward, il-ħidma tan-NU favur mekkaniżmu ta' ristrutturazzjoni tad-dejn sovrani fil-livell internazzjonali;
20. Jirrimarka li bħala riżultat tal-karatteristiċi ġeografiċi u ġeoloġiċi tagħhom il-pajjiżi tal-ALK huma vulnerabbli ħafna għal diżastri naturali, u li din is-sitwazzjoni hija aggravata bħala riżultat tat-tibdil fil-klima, li trid tiġi indirizzata fil-livell globali f'konformità mal-prinċipju ta' responsabilità komuni iżda differenzjata; jistieden lill-Kummissjoni u lill-pajjiżi tal-ALK jindirizzaw il-kawżi sottostanti, jieħdu miżuri ta' reżiljenza fir-rigward tal-klima u jadottaw strateġiji ta' prevenzjoni tar-riskju u protokollu għal mobilizzazzjoni rapida tal-għajnuna umanitarja fil-każ ta' emerġenzi;
21. Jitlob li jkun hemm programmi ta' żvilupp fil-pajjiżi tal-ALK biex jinkorporaw approċċ trażversali li jiffoka fuq is-sessi, jirrispettaw id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tan-nisa, jiggwarantixxu s-saħħa sesswali u riproduttiva tan-nisa u jippromwovu l-aċċess għall-opportunitajiet ta' impjieg għan-nisa; jirrimarka li, skont il-Kummissjoni Ekonomika għall-Amerika Latina u l-Karibew (CEPAL), bħala medja jinqatlu tnax-il mara kuljum f'dan ir-reġjun; jenfasizza, għalhekk, li jenħtieġ li t-tmiem tal-femminiċidju u d-diskriminazzjoni bejn is-sessi jkun objettiv ta' prijorità biex jiġu żviluppatti u jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli;
22. Ifakkar fl-impenji miftiehma mill-UE fil-Pjanijiet ta' Azzjoni 2013 u 2015 tal-UE-CELAC (Komunità ta' Stati tal-Amerika Latina u tal-Karibew) dwar l-eradikazzjoni tal-vjolenza

kontra n-nisa, u jesprimi t-tħassib tiegħu dwar in-nuqqas ta' implimentazzjoni tal-Kapitolu 7 tiegħu dwar il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi; jistieden lill-Istati Membri u lis-SEAE jikkooperaw u jallokaw riżorsi ekonomiċi u istituzzjonali biex jiżguraw l-osservanza tar-rakkomandazzjonijiet dwar il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi miftiehma fil-pjanijiet ta' azzjoni, speċjalment rigward l-eradikazzjoni ta' kull forma ta' vjolenza, skont il-Konvenzjoni ta' Belém do Pará, il-Konvenzjoni ta' Istanbul u l-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW);

23. Iħeġġeġ koordinazzjoni aħjar bejn il-politiki u l-programmi li jappoġġaw lir-reġjun tal-pajjiżi tal-ALK, kif ukoll ir-reġjuni ultraperiferiċi u l-pajjiżi u t-territorji barranin; jitlob li l-impenji politiċi li jsiru fis-summits reġjonali bejn l-UE u l-pajjiżi tal-ALK jinżammu u jkunu akkumpanjati mill-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji neċessarji.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI
OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	30.5.2017
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 17 -: 0 0: 5
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Beatriz Becerra Basterrechea, Ignazio Corrao, Doru-Claudian Frunzulică, Enrique Guerrero Salom, Maria Heubuch, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Stelios Kouloglou, Arne Lietz, Linda McAvan, Vincent Peillon, Lola Sánchez Caldentey, Elly Schlein, Eleni Theoharous, Paavo Väyrynen, Bogdan Brunon Wenta, Anna Záborská
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Frank Engel, Ádám Kósa, Cécile Kashetu Kyenge, Paul Rübig, Judith Sargentini

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB
JAGĦTI OPINJONI**

17	+
ALDE	Beatriz Becerra Basterrechea, Paavo Väyrynen
ECR	Eleni Theoharous
EFDD	Ignazio Corrao
PPE	Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Frank Engel, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Adam Kósa, Paul Rübig, Bogdan Brunon Wenta
S&D	Doru-Claudian Frunzuliță, Enrique Guerrero Salom, Cécile Kashetu Kyenge, Arne Lietz, Linda McAvan, Vincent Peillon, Elly Schlein

0	-

5	0
GUE/NGL	Stelios Kouloglou, Lola Sánchez Caldentey
PPE	Anna Záborská,
Verts/ALE	Maria Heubuch, Judith Sargentini

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni